MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## Coinspace LTD - http://www.coinspace.eu/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku li l-kumpanija reġistrata Malta **Coinspace Ltd.**, bl-uffiċċju reġistrat Mariah Building, Industrial Estate, Triq Il-Kappar, Mosta, bi preżenza fuq l-Internet fuq is-sit elettroniku http://coinspace.eu qed toffri firxa ta' servizzi marbuta mal-*cryptocurrencies*, inkluż servizzi ta' skambju u *cloud mining* u jidher li qed toffri l-opportunità li wieħed jinvesti fil-proprjetà ta' dawn il-*cryptocurrencies*.

L-MFSA tixtieq twissi lill-pubbliku li **Coinspace Ltd. MHIX liċenzjata jew awtorizzata b'xi mod ieħor mill-MFSA** biex tipprovdi xi servizzi ta' investiment jew servizzi finanzjarji oħra minn jew f'Malta, u li għalihom jeħtieġu liċenzja jew xi forma ta' awtorizzazzjoni oħra skont il-liġi Maltija. Il-pubbliku għandu jkun konxju wkoll li l-opportunitajiet ta' investiment li dwarhom issir promozzjoni minn **Coinspace Ltd.,** aktarx li huma ta' natura dubjuża b'ċans kbir li jkun hemm telf ta' flus.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 13-2016**
**20 ta' Diċembru 2016**